**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 2 ta’ Frar 2018**

**Kumpilazzjoni numru 70/2010**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Abdilla)**

**vs**

**Ashton Sammut (ID: 52025A)**
**Edward Falzon (ID: 531779M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Ashton Sammut** u **Edward Falzon** talli:

1. F’Jannar 2010, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghlu jitwemmnu l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin

centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-kumpanija Lufthansa Technik Malta Ltd. u tal-bank HSBC Bank Malta plc;

**Ashton Sammut** wahdu huwa akkuzat talli:

2. Fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' cekkijiet mic-cheque book tal-HSBC Bank Malta plc, li jappartjeni ghall-kumpanija Lufthansa Technik Malta Ltd, liema serq sar ghad-dannu tal-istess Lufthansa Technik Malta Ltd. u ma jaqbizx l-ghaxar Euro;

3. U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, u cioe' f'cekk tal-HSBC Bank Malta plc, li jappartjeni ghall-kumpanija Lufthansa Technik Malta Ltd, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

**Edward Falzon** wahdu huwa akkuzat talli:

4. Fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin mir-reat ta' serq;

U hekk, Edward Falzon sar revidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-Prim'Imhallef tas-26 ta' Ottubru 2018 wara li l-kawza kienet thalliet *sine die* fit-13 ta' Marzu 2004;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi fis-seduta tal-lum il-Prosekuzzjoni irtirat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati stante li dawn ma jistghux jigu rintraccati;

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur